



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10157/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0164 (NLE)

ECOFIN 642
CADREFIN 337
UEM 177
FIN 518

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Latvja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

**dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan
għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Latvja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija tal-Latvja. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) per capita tal-Latvja kien 51,0 % tal-medja tal-Unjoni. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, fl-2020 il-PDG reali tal-Latvja naqas bi 3,6 % u fl-2020 u l-2021 mistenni jonqos b'0,3 % b'mod kumulattiv. Aspetti fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu b'mod partikolari l-konformità mat-taxxa, in-nuqqas ta' ħiliet, l-eżiti ħżiena tas-saħħa u l-prestazzjoni dgħajfa tal-innovazzjoni.

- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza r-rakkomandazzjonijiet lil-Latvja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li l-Latvja titnaqqas it-tassazzjoni fuq dawk bi dħul baxx billi din tiġi trasferita għal sorsi oħra, b'mod partikolari l-kapital u l-proprjetà, u billi tittejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa u biex jitkompli l-progress fil-qafas tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Huwa rrakkomanda wkoll li l-Latvja ssaħħaħ ix-xibka tas-sikurezza soċjali u li tiġi indirizzata l-esklużjoni soċjali b'mod partikolari billi tittejjeb l-adegwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu, il-pensjonijiet tal-irtirar minimi u l-appoġġ għall-introjtu tal-persuni b'diżabilità, biex tiżdied il-kwalità u l-effiċjenza tal-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari tal-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u tal-persuni li qed ifittxu impjieg, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ u l-apprendiment tal-adulti, u biex jissaħħu r-reżiljenza, l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-kosteffettività tas-sistema tas-saħħa, inkluż billi jingħataw riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali. Irrakkomanda li l-investment tal-Latvja jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-produzzjoni u l-użu ta' enerġija nodfa u effiċjenti, it-trasport sostenibbli u l-infrastrutturi diġitali. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-impatt tal-kriżi, huwa rrakkomanda li l-Latvja tagħti appoġġ adegwat għad-dħul lill-gruppi l-aktar milquta mill-kriżi u li jittaffa l-impatt tagħha fuq l-impjiegi, inkluż permezz ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, miżuri attivi favur is-suq tax-xogħol u l-ħiliet.

Fl-aħħar nett, huwa rakkomanda li l-Latvja ssaħħa r-responsabbiltà u l-effiċjenza tas-settur pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-awtoritajiet lokali u l-intrapriżi tal-istat u muniċipali u t-titjib tar-reġim tal-kunflitt ta' interess. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ('RRP'), il-Kummissjoni tikkonkludi li sar progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-politika fiskali, tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, tal-appoġġ għall-introjtu u dwar l-appoġġ ta' likwidità biex jiġi miġġieled l-impatt tal-kriżi.

- (3) Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Eurorakkomandat li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-RRP tagħhom, biex, fost l-oħrajn, jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru, u li jkomplu jtejbu l-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill irrakkomandat ukoll li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jssaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, li jiżguraw l-istabbiltà makrofinanzjarja, li jikkomplementaw l-unjoni ekonomika u monetarja u li jssaħħu r-rwol internazzjonali tal-euro.

- (4) Fit-30 ta' April 2021 il-Latvja ppreżentat l-RRP nazzjonali tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Is-sjeda Nazzjonali tal-RRPs tinfed l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-Anness V għal dak ir-Regolament.
- (5) L-RRPs jenħtieġ li jsegwu l-oġġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-'Faċilità') u tal-Istrument tal-Unjoni għall-Irkupru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094¹ sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma jenħtieġ li jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li jinvolvi riformi u investimenti fl-Unjoni kollha. Permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed, tali riformi u investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Unjoni kollha. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri se jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jstabilixxi Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23.)

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastr

- (7) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(a) u mal-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jirrappreżenta fil-parti l-kbira rispons (Klassifikazzjoni A) komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastr kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi li jkun qed jiffaċċja l-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.
- (8) Il-RRP tal-Latvja jinkludi sett ibbilanċjat ta' riformi u investimenti mmirati li jindirizzaw l-isfidi ewlenin tal-pajjiż, jistimulaw l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 u jwittu t-triq għat-tkabbir tiegħu fit-tul. L-RRP jinkludi 85 miżura li jindirizzaw l-isfidi ewlenin tal-Latvja u l-oqsma ta' politika ta' rilevanza Ewropea, u b'hekk ikopri s-sitt pilastr kollha. L-RRP jinkludi sitt komponenti: it-tranżizzjoni ekoloġika, it-tranżizzjoni diġitali, it-tnaqqis tal-inugwaljanza, is-saħħa, il-produttività u l-istat tad-dritt. L-oġġetti tal-komponenti huma komplementari u r-riformi jingranaw l-impatt ta' investimenti assoċjati, b'mod partikolari billi jgħibu bidla strutturali u jżidu l-parteċipazzjoni u l-finanzjament mis-settur privat.
- (9) L-RRP jiffoka fuq l-isfidi ewlenin tal-Latvja li huma t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-esklużjoni soċjali, il-kura tas-saħħa, id-disparitajiet reġjonali, il-ħiliet diġitali u t-tagħlim għall-adulti, u l-edukazzjoni għolja, il-konverġenza u t-tkabbir tal-produttività, inklużi r-riċerka u l-innovazzjoni u l-appoġġ għall-investimenti tan-negozju, u l-kapaċità amministrattiva, inkluż l-amministrazzjoni tat-taxxa, l-akkwist pubbliku u s-sistema ġudizzjarja.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

- (10) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(b) u mal-l-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jindirizza b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati lill-Latvja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra kollha adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (11) Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan tal-RRP tal-Latvja, minkejja l-fatt li l-Latvja ġeneralment wiegħbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li l-ekonomija tiġi appoġġata permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mal-klawso la liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni biex jintlaħaq l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2020 ma għadhiex rilevanti, kemm minħabba l-iskadenza tal-perjodu baġitarju korrispondenti kif ukoll minħabba l-attivazzjoni f'Marzu 2020 tal-klawso la liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19.

- (12) L-RRP jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha, jew subsett sinifikanti tagħhom, deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil-Latvja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u fl-2020, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-kura tas-saħħa, bħar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà, il-kwalità u l-kosteffettività tas-settur tal-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni u l-ħiliet, bħall-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema edukattiva u l-ħiliet diġitali; l-inklużjoni soċjali, bħall-benefiċċji tal-introjt minimu; ir-riċerka u l-innovazzjoni; l-investimenti, bħat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u akkomodazzjoni affordabbli; l-amministrazzjoni pubblika; u l-ambjent kummerċjali.

- (13) Il-konverġenza kontinwa tibqa' l-isfida ewlenija tal-Latvja f'termini tat-titjib tal-istandards tal-għajxien tal-popolazzjoni tagħha. Ir-riformi u l-investimenti fil-ħiliet, l-educazzjoni u t-taħriġ, il-kura tas-saħħa u l-inklużjoni soċjali jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-titjib tal-produttività tal-Latvja u t-tkabbir inklużiv fit-tul. Huma previsti investimenti sinifikanti għal miżuri ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid immirati biex il-forza tax-xogħol tiġi mgammra bil-ħiliet meħtieġa u b'akkomodazzjoni affordabbli ġdida biex tittejjeb il-mobilità reġjonali tal-forza tax-xogħol. FI-RRP huma inklużi riformi u investimenti li jsaħħu r-reżiljenza u l-aċċessibbiltà tas-sistema tas-saħħa, jappoġġaw il-forniment ta' servizzi tal-kura integrati u jżidu l-kapaċità tal-istituzzjonijiet tas-saħħa biex jadattaw għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. L-RRP jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali billi jtejjeb aktar is-sistema ta' appoġġ għall-introjtu minimu, permezz ta' mekkaniżmu ta' indiċjar annwali u jorbotha mal-iżvilupp tal-introjtu medjan. Investimenti oħra fl-infrastruttura tal-aċċessibbiltà u r-riabilitazzjoni għall-persuni b'mobilità mnaqqsa u b'diżabilità, kif ukoll investimenti fil-kura fit-tul għall-anzjani jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll biex jinkiseb progress fl-indirizzar tal-isfidi attwali.

- (14) L-RRP isaħħaħ b'mod sinifikanti l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni u jappoġġa diversi riformi tal-amministrazzjoni pubblika. Itaffi wkoll l-ispejjeż soċjoekonomiċi tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jqis id-disparitajiet reġjonali. L-RRP għandu l-għan li jagħmel bidla sinifikanti fil-governanza frammentata tas-sistema tal-innovazzjoni u joħloq ekosistemi tal-innovazzjoni sostenibbli, u b'hekk irawwem investmenti ġenerali ogħla. Huma ppjanati investmenti sinifikanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, inklużi investmenti fl-effiċjenza enerġetika, il-modernizzazzjoni tal-grilja elettrika, is-sistemi tal-IT tas-settur pubbliku, il-ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. Miżuri li jtejbu l-infrastruttura tat-trasport intermodali f'Riġa u madwarha għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-mobilità tal-forza tax-xogħol u li jgħinu biex jitrażżan il-konsum dejjem jikber tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-karozzi tal-passiġġieri. Biex jiġu indirizzati d-disparitajiet reġjonali, l-RRP jibni fuq ir-riforma territorjali amministrattiva u jinkludi investmenti sinifikanti fil-parks industrijali, fit-trasport municipli, fir-rinnovazzjoni tat-toroq, fl-iskejjel u fl-akkomodazzjoni affordabbli. Ir-responsabbiltà u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika jenħtieġ li jissaħħu permezz ta' riformi u investmenti fil-ġlieda kontra l-ekonomija klandestina u l-kriminalità ekonomika, it-titjib tas-sistema tal-akkwist u l-innovazzjoni fis-settur pubbliku. L-RRP mistenni li jkompli jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġija kontra l-ħasil tal-flus billi jirrifirma s-sistemi ta' kooperazzjoni, skambju ta' informazzjoni u taħriġ bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi involuti fl-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-proċess ta' reati ekonomiċi, filwaqt li jsaħħaħ il-kapaċità teknika tagħhom.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(c) u mal-l-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt qawwi (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Latvja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq it-taffija tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (16) Is-simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li L-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Latvja bi 2 % sas-sena 2026, mingħajr l-inklużjoni tal-possibbiltà ta' impatt pożittiv tar-riformi strutturali, li jista' jkun wieħed sostanzjali. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-Latvja għall-2021 jindika effett ċar ta' addizzjonalità tal-RRP peress li l-livell ta' investiment pubbliku mistenni li bejn l-2021 u l-2024 se jkun ogħla b'mod sinifikanti mil-livell ta' qabel il-pandemija li laħaq medja ta' 5,9 % tal-PDG meta mqabbel mal-5,1 % tal-PDG bħala medja fuq il-perjodu 2017–2019.

- (17) L-investimenti u r-riformi fl-infrastruttura ekoloġika u diġitali, l-iżvilupp reġjonali, ir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll skemi ta' appoġġ estensivi għall-investment tan-negozju se jsaħħu l-potenzjal tat-tkabbir tal-Latvja fuq terminu medju sa twil. L-investimenti u r-riformi li jakkumpanjawhom għas-sistema tat-trasport ta' Riga se jagħtu spinta lill-kompetittività tal-belt u l-kapaċità li tattira l-investimenti u t-talent. Il-miżuri biex jitrajwu l-investimenti privati fl-enerġija mir-riħ se jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli u biex issir ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-iskemi ta' appoġġ għall-investment tan-negozju se jaċċelleraw l-insegwiment tal-Latvja ta' kapaċità oġġla ta' esportazzjoni u tkabbir fil-produttività, filwaqt li jibnu fuq il-prinċipji fundamentali tal-industrija, jiġifieri l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u suq uniku b'saħħtu u li jiffunzjona tajjeb. L-RRP tal-Latvja jipprevedi investimenti u riformi mmirati biex jagħtu spinta lill-ħiliet tal-popolazzjoni. L-investimenti fl-akkomodazzjoni u fl-infrastruttura għar-reġjuni periferiċi se jsaħħu l-opportunitajiet ta' tkabbir tar-reġjuni li għadhom lura fil-Latvja. B'kollox, dawn il-miżuri jindirizzaw l-isfidi li ilhom jeżistu fl-ekonomija tal-Latvja: infiq baxx fl-innovazzjoni, adożżjoni baxxa ta' teknoloġiji moderni kif ukoll disparitajiet reġjonali sinifikanti.

- (18) L-investimenti u r-riformi bl-għan tat-titjib tal-inklużjoni soċjali u l-kura tas-saħħa mistennija li jsaħħu l-koeżjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali. L-introduzzjoni tal-indiċjar tal-benefiċċji tal-introjtu minimu jenħtieġ li tiżgura li l-benefiċċji jiġu aġġustati kull sena għat- tkabbir fil-pagi, u dan jikkontribwixxi għall-adegwatezza tagħhom. Flimkien maż- żieda fil-limitu tal-introjtu minimu ta' mhux anqas minn 20 % tal-introjtu medjan, dawn il- miżuri huma mistennija li jnaqqsu l-inugwaljanza fl-introjtu u jtejbu l-effettività tat- trasferimenti soċjali, li ġew identifikati li huma fost l-isfidi soċjali l-aktar importanti tal- Latvja. Barra minn hekk, l-investimenti fl-infrastruttura tas-saħħa flimkien ma' riforma mmirata biex tattira riżorsi umani addizzjonali għas-settur tas-saħħa, huma mistennija li jtejbu l-aċċessibilità tal-kura tas-saħħa, li n-nuqqas tagħha affettwa b' mod predominanti lil dawk b'introjtu baxx u lin-nies li jgħixu f'żoni periferiċi.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(d) u mal-l-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni jżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment inkluża fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

(20) Il-valutazzjoni dwar il-konformità mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" pprovduta mil-Latvja fl-RRP tagħha twettqet f'konformità mal-gwida teknika pprovduta skont in-noti ta' gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat "Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' "ma tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza."¹. Dan ikopri s-sitt objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, jiġifieri l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ilma u tar-riżorsi tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u t-treġġiġh lura tal-bijodiversità u l-ekosistemi. L-impatt ambjentali huwa vvalutat fil-livell tal-miżura, jiġifieri valutazzjoni individwali waħda għal kull riforma jew investiment. Fejn meħtieġ, il-Latvja pproponiet l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni biex tiġi evitata ħsara sinifikanti. Dan huwa partikolarment il-każ għal miżuri ta' protezzjoni kontra l-għargħar, fejn il-konformità mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għet żgurata bl-inklużjoni ta' stadju importanti speċifiku. Għaldaqstant, l-investimenti fil-protezzjoni kontra l-għargħar iridu jiżguraw konformità stretta mal-liġi ambjentali tal-Unjoni u jiżguraw in-nuqqas ta' ħsara għall-istatus tal-korpi tal-ilma. Ir-rinnovazzjoni tat-toroq hija akkumpanjata minn investiment fit-trasport dekarbonizzat biex tiġi evitata l-ħsara lill-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

¹ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(e) u mal-l-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 37,6 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulat skont il-metodoloġija tal-Anness VI għar-Regolament. Skont l-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.

- (22) L-RRP tal-Latvja jiffoka b'mod partikolari fuq il-mobilità sostenibbli. Ir-riforma taż-żona Metropolitana ta' Riga u l-programm ta' investiment assoċjat għall-ekoloġizzazzjoni tat-trasport u l-infrastruttura jenħtieġ li jikkontribwixxu b'mod qawwi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport Latvjan. L-RRP jinkludi wkoll miżura b'enfasi fuq it-titjib tal-effiċjenza enerġetika f'bini b'ħafna appartamenti u f'bini pubbliku u fin-negozji u l-aġġornament tal-grilja elettrika. Dan jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tal-kostruzzjoni. L-RRP jiffoka wkoll fuq l-adattament għall-klima bis-saħħa tal-investiment f'miżuri ta' prevenzjoni tal-għargħar u l-prevenzjoni tan-nirien, li jenħtieġ li jikkontribwixxu direttament għall-objettiv tal-adattament għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima. L-RRP ma fih l-ebda miżura bil-bijodiversità bħala l-objettiv tagħha. Madankollu, uħud mill-miżuri għall-mitigazzjoni tal-klima jistgħu jkunu wkoll ta' benefiċċju għall-preservazzjoni tal-bijodiversità, billi t-tibdil fil-klima huwa wieħed mit-theddidiet ewlenin għall-bijodiversità.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(f) u mal-l-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP fih miżuri li fil-parti l-kbira jikkontribwixxu (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-objettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 21 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata skont il-metodoloġija tal-Anness VI għar-Regolament (UE) 2021/241.

- (24) Il-miżuri diġitali inklużi fl-RRP ikopru diversi aspetti tat-trasformazzjoni diġitali li jinkludu s-settur pubbliku u privat, il-ħiliet u l-konnettività - b'enfasi fuq it-titjib tal-kompetittività tal-ekonomija Latvjana fuq terminu medju u twil. In-nuqqas ta' ħiliet diġitali bażiċi, l-adozzjoni baxxa ta' soluzzjonijiet diġitali min-negozji kif ukoll in-nuqqas ta' speċjalisti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni huma l-isfidi diġitali ewlenin tal-Latvja, li jolqtu d-disponibbiltà tal-forza tax-xogħol, il-kompetittività, ir-reżiljenza, l-użu tas-servizzi elettroniċi tal-gvern u l-innovazzjoni bl-istess mod. B'reazzjoni għal dan, l-RRP tal-Latvja jinkludi investimenti mdaqqsa fil-ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati. Il-RRP tal-Latvja jinkludi wkoll miżuri għall-modernizzazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika u t-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi pubbliċi, inklużi soluzzjonijiet pubbliċi ċentralizzati. L-RRP jindirizza l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni diġitali wkoll billi jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tan-negozji u joħloq ambjent aħjar għar-riċerka u l-innovazzjoni b'miżuri li jtejbu d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u medji kif ukoll billi joħloq il-qafas neċessarju għall-parteeċipazzjoni tal-Latvja fin-network taċ-Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali. L-RRP jinkludi miżuri biex jiġi skjerat broadband b'veloċità għolja ħafna, li jenħteġ li jgħin biex tittejjeb aktar l-infrastruttura diġitali.

Impatt dejjiemi

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(g) u mal-l-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq il-Latvja fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A).

- (26) L-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti previsti mistennija li għib magħha titjib strutturali fl-ekonomija. Ir-riforma tal-governanza tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja b'mod partikolari jenħtieġ li jkollha impatt fit-tul fuq il-kwalità tal-edukazzjoni u r-riċerka fil-Latvja. Fost il-miżuri l-oħra hemm ir-riformi bil-għan li jrawmu d-diġitalizzazzjoni u l-appoġġ tal-ħiliet diġitali, ir-riorganizzazzjoni tal-muniċipalitajiet, ir-riforma tal-amministrazzjoni tat-taxxa biex titnaqqas l-ekonomija klandestina, u l-istrategġija ta' ċentralizzazzjoni u professjonalizzazzjoni fir-rigward tal-akkwist. Huwa mistenni wkoll titjib strutturali mill-implimentazzjoni ta' investimenti li għandhom l-għan li jiżguraw effiċjenza enerġetika oġhla tal-bini permezz tar-rinnovazzjoni, l-investimenti fid-diġitalizzazzjoni, b'appoġġ għar-riforma territorjali amministrattiva, fl-infrastruttura tas-saħħa tal-isptarijiet universitarji u reġjonali, fl-infrastruttura għall-fornituri ta' servizzi ta' *outpatients* sekondarji, u fl-infrastruttura għall-parks industrijali.
- (27) L-impatt dejjiemi tal-RRP jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra, inkluż dawk iffinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali b'għeruw fondi u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(h) u mal-l-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (29) L-RRP Latvjan jippreżenta organizzazzjoni amministrattiva għall-proċess ta' implimentazzjoni fil-Latvja, li jenħtieġ li tiġi żgurata fil-kuntest tal-qafas nazzjonali eżistenti għall-implimentazzjoni ta' fondi b'ġestjoni kondiviża. L-RRP jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-proċessi ta' monitoraġġ u rappurtar previsti u jidentifika b'mod ċar l-atturi u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-twettiq tal-kompiti ta' kontroll intern. Il-Ministeru tal-Finanzi se jingħata l-kompitu li jikkoordina l-implimentazzjoni tal-RRP, filwaqt li l-Kancellarija tal-Istat, il-ministeri kompetenti u l-Aġenzija Ċentrali għall-Finanzi u l-Kuntratti jenħtieġ li jingħataw il-kompitu li jiżguraw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni. L-istadji importanti u l-miri huma realistiċi u l-indikaturi proposti huma rilevanti u robusti l-miżuri fl-RRP huma sa ċertu punt frammentati, u dan jirriżulta f'għadd kbir ta' stadji importanti u miri. Dawn għandhom it-tendenza li jizziedu wisq lejn l-2026, speċjalment fil-każijiet ta' investiment fl-infrastruttura u skemi orizzontali għall-investiment tan-negozju.

- (30) L-Istati Membri jenħtieġ li jżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRPs tagħhom.

Estimi tal-prezzijiet

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(i) u mal-l-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP hija sa punt medju (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

¹ Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

- (32) Il-Latvja pprovdiest estimi tal-ispejjeż individwali għall-investimenti kollha inklużi fl-RRP. Ġeneralment l-analiżi tal-ispejjeż issir b'mod dettaljat u sostanzjat sew. L-estimi huma bbażati fuq tqabbil ma' investimenti tal-passat ta' natura simili u fuq analiżi tas-suq u tal-prezzijiet. Il-valutazzjoni tal-estimi tal-ispejjeż u d-dokumenti ta' sostenn inerenti juru li l-biċċa l-kbira tal-ispejjeż huma ġġustifikati sew u raġonevoli. L-ammonti proposti għall-finanzjament tqiesu xierqa u meqjusa bħala li jstabbilixxu b'mod moderat il-plawżibbiltà tal-estimi tal-ispejjeż. Għalkemm l-ispejjeż tal-biċċa l-kbira tal-miżuri huma meqjusa plawżibbli ħafna (jiġifieri l-ispiża stmata hija fil-medda minn baxxa sa medja meta mqabbel mal-ispejjeż ta' riformi jew investimenti simili), hemm sett limitat ta' miżuri li għalihom l-estimi tal-prezzijiet huwa meqjus bħala plawżibbli sa punt baxx. Fl-aħħar nett, l-ispejjeż totali stmata tal-RRP huma konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonati mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (33) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(j) u mal-l-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u minn programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzwaw il-konformità mal-liġi tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ .
- (34) Is-sistema ta' kontroll u l-arranġamenti proposti fl-RRP huma bbażati fuq proċessi u strutturi robusti użati fil-qafas nazzjonali eżistenti għall-implimentazzjoni tal-fondi strutturali. L-RRP jidentifika b'mod ċar l-atturi (il-korpi/l-entitajiet) u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-twettiq tal-kompiti ta' kontroll intern. Il-funzjonijiet rilevanti jenħtieġ li jkunu segregati b'mod xieraq. Is-sistema ta' kontroll u l-arranġamenti rilevanti oħra, inkluż għall-ġbir u d-disponibbiltà ta' *data* dwar ir-riċevituri finali, huma adegwati.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1).

- (35) L-arranġamenti ġenerali ġew miftiehma mill-Kabinett tal-Ministri Latvjan fit-18 ta' Awwissu 2020. L-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni ulterjuri hija mistennija qabel ma tibda l-implimentazzjoni tal-RRP. Dan ma fixkilx il-valutazzjoni tal-proċess u tal-istrutturi deskritti. L-awtoritajiet Latvjan jienħtieġ li jipprovdu aġġornament dwar l-adozzjoni ta' dawk l-atti u l-obbligi rilevanti jienħtieġ li jiġu stabbiliti fil-ftehim li jrid jiġi konkluż skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 (il-‘ftehim ta’ finanzjament’).
- (36) Il-Latvja indikat li l-ġhodod tal-IT eżistenti jistgħu jeħtieġu emenda jew żvilupp ġdid, bħall-modulu RRF fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni (KPVIS), u l-użu ta' ġhodod tal-IT tranżizzjonali sabiex jiġu ssodisfati rekwiżiti speċifiċi ta' ġestjoni u rapportar deskritti fl-RRP. F'konformità mal-Artikolu 20(5), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Latvja jienħtieġ li timplimenta din l-emenda tal-ġhodod tal-IT eżistenti sabiex tikkonforma mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament, billi tikkonferma l-istatus tal-implimentazzjoni tagħha mal-ewwel talba għal pagament. F'każ li talba bħal din għal pagament ma tkunx kompletament ibbażata fuq il-funzjonalitajiet tal-ġhodod tal-IT emendati kif deskritt fl-RRP, jienħtieġ li jsir rapport tal-awditjar speċifiku tas-sistema. Ir-rapport jienħtieġ li janalizza kwalunkwe dgħufija relatata li tinstab u l-azzjonijiet korrettivi li jittieħdu jew li jiġu ppjanati.

Koerenza tal-RRP

- (37) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(k) u mal-l-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investimenti pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

- (38) L-RRP tal-Latvja huwa koerenti, b'riformi u investimenti konsistenti li jsaħħu lil xulxin, u sinerġji bejn il-komponenti differenti. L-RRP jinkludi miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti. Is-sitt komponenti jistrutturaw l-investimenti u r-riformi u juru sew ir-relazzjoni tematika u l-interknessjonijiet tagħhom. Il-koerenza hija żgurata fil-komponenti, b'investimenti li jakkumpanjaw ir-riformi rilevanti, kif ukoll bejn il-komponenti differenti fl-RRP. Il-komponenti inklużi fl-RRP jiffurmaw qafas uniku għar-riformi u l-investimenti, li l-kompitu ewlieni tagħhom huwa li jippromwovu l-produttività, inaqqsu l-inugwaljanzi, kif ukoll jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali. Is-sitt komponenti jsaħħu lil xulxin u huma koerenti fl-għanijiet tagħhom.

Ugwaljanza

- (39) Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, l-RRP jiddeskrivi l-isfidi f'termini ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. L-RRP jispjega wkoll liema investimenti huma mistennija li jikkontribwixxu biex jingħelbu l-isfidi identifikati. L-RRP tal-Latvja jipprevedi l-implimentazzjoni ta' diversi miżuri għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs. Biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità, l-RRP jinkludi miżura biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-bini pubbliku u privat. Barra minn hekk, il-vetturi l-ġodda kollha tat-trasport pubbliku jenħtieġ li jkunu mgħammra b'aċċess faċli għall-persuni b'mobilità mnaqqa. B'mod ġenerali, is-sitwazzjoni tal-gruppi vulnerabbli qed tiġi indirizzata, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa. L-RRP jinkludi wkoll miżuri biex jittejbu l-opportunitajiet edukattivi għat-tfal kollha tal-iskola. Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-RRP jinkludi miżuri mmirati speċifikament lejn l-involviment tan-nisa f'opportunitajiet ta' karriera fit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, bil-ħsieb li jitjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri tal-ispeċjalisti tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol għan-nisa li qed ifittxu impjeg hija mistennija li titjeb permezz ta' miżuri mmirati li jimmiraw lejn il-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja permezz tal-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol mill-bogħod u part-time għall-unitajiet domestiċi bit-tfal. Il-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti jenħtieġ li jiżguraw paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali kif ukoll diversità fil-ġestjoni. Barra minn hekk, il-proċess tal-għażla tal-proġetti jenħtieġ li tkun soġġetta għall-prinċipju tan-nonesklużjoni u l-obbligu li tiġi miġġielda kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata mhux biss fuq il-ġeneru, iżda wkoll fuq raġunijiet ta' razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (40) L-RRP jinkludi awtovalutazzjoni tas-sigurtà ġenerali għal kull komponent u jelenka l-miżuri li għandhom dimensjoni ta' sigurtà. Filwaqt li l-awtovalutazzjoni tas-sigurtà tal-Latvja hija ġenerali, l-RRP jindirizza ċ-ċibersigurtà u aspetti oħra tas-sigurtà diġitali. L-awtovalutazzjoni tikkonkludi li l-investimenti previsti se jsaħħu s-sigurtà tal-miżuri kkonċernati.

Proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed

- (41) L-RRP qed jikkontribwixxi għal diversi proġetti li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed (multi country projects, MCPs) u għal proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni ppjanati (Important Projects of Common European, IPCEIs): il-kuritur Via Baltica 5G, in-Netzwerk Ewropew ta' Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali, l-Infrastruttura u Servizz tad-Data Komuni Ewropea (permezz tal-istabbiliment ta' IPCEI potenzjali dwar il-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss), l-Amministrazzjoni Pubblika Konnessa, Genome Europe, is-sistema ta' skambju tal-immaġni bir-raġġi X tal-Istati Baltiċi (Baxe), u t-teknoloġiji tal-mikroproċessuri u tas-semikondutturi. Dawn il-proġetti huma ffinanzjati wkoll minn programmi oħra, bħall-Programm Ewropa Diġitali u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, kif ukoll minn fondi strutturali.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (42) Bejn Diċembru 2020 u Marzu 2021 ġew organizzati sensiela ta' konsultazzjonijiet pubbliċi tematiċi miftuħa għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, l-awtoritajiet lokali u partijiet interessati oħra. Rappreżentanti mis-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tan-negozju, il-gvernijiet lokali u partijiet ikkonċernati oħra ħadu sehem fid-diskussjoni dwar l-RRP bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Latviani. Is-suġġerimenti tas-sħab tal-RRP huma disponibbli pubblikament u ġew ippubblikati flimkien mal-RRP.
- (43) L-involviment tal-partijiet interessati fl-implimentazzjoni huwa ppjanat li jiġi stabbilit permezz tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll użata għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni, fejn ir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati jiffurmaw parti integrali mill-kumitat ta' monitoraġġ tal-fondi tal-UE. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP.

Valutazzjoni pożittiva

- (44) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP tal-Latvja bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V għal dan ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (45) L-ispiża totali stmata tal-pjan għall-RRP tal-Latvja hija ta' EUR 1 826 000 000. Billi l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-RRP huwa aktar baxx mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għal-Latvja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP tal-Latvja tkun ugwali għall-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-RRP bla ħsara għal aġġornament tal-RRP li jqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima f'konformità mal-Artikolu 18(2) ta' dak ir-Regolament.

- (46) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Latvja irid jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Bħala tali, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm ammont disponibbli għal-Latvja li ma jeċċedix il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 11(1), punt (a), ta' dak ir-Regolament għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk meħtieġ wara l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima, jenħtieġ li l-Kunsill, bi proposta mill-Kummissjoni, jemenda din id-Deċiżjoni biex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.
- (47) L-appoġġ li għandu jingħata jenħtieġ li jiġi ffinanzjat mis-self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni abbażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053¹. L-appoġġ jenħtieġ li jitħallas b'pagamenti parzjali ladarba l-Latvja tkun issodisfat b'mod suffiċjenti l-istadji importanti rilevanti u l-miri identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP;
- (48) Il-Latvja talbet prefinanzjament ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Dak l-ammont jenħtieġ li jkun rilaxxat lil-Latvja soġġett għad-dħul fis-seħħ ta', u f'konformità ma', il-ftehim ta' finanzjament.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

- (49) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kwalunkwe proċedura marbuta mal-għoti ta' fondi tal-Unjoni skont kwalunkwe programm ieħortal-Unjoni għajr għall- Faċilità jew għal proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1
Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP tal-Latvja abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont IRRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Latvja kontribuzzjoni finanzjarja, fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura, li jammonta għal EUR 1 826 000 000¹. Ammont ta' EUR 1 640 779 642 għandu jkun disponibbli biex jiġi legalment impenjat sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għal-Latvja li hija ugwali għal jew aktar minn EUR 1 826 000 000, ammont ieħor ta' EUR 185 220 358 għandu jkun disponibbli biex ikun legalment impenjat mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għal-Latvja li tkun anqas minn EUR 1 826 000 000, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 1 640 779 642 għandha tkun disponibbli biex tiġi legalment impenjata f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-ispejjeż tal-Latvja msemmi fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lil-Latvja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 237 380 000 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, ugwali għal 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-prefinanzjament u l-pagamenti parzjali jistgħu jiġu żborżati mill-Kummissjoni f'segment wieħed jew aktar. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jkun rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun kondizzjonali fuq il-finanzjament disponibbli u deċiżjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Latvja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Sabiex tkun eliġibbli għal pagament, il-Latvja għandha jilħaq l-istadji importanti u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
